# DIN IR-RIVISTA

Għandek f'idejk, ja għażiż qarrej, din ir-Rivista ġdida, imsemmija: "Leħen L-Art Imqaddsa". L-ewwel ħsieb li jiġik meta taraha, huwa ħsieb ta' mistoqsija: "Għalfejn ħarġet din ir-Rivista?"

Din ir-Rivista ħarġet għal aktar minn għan wieħed, u hawn ser insemmilek xi wieħed jew tnejn.

L-ewwel nett, hawn Malta, bħala art li saret Nisranija sa mill-ewwel żmien tal-Knisja, sa minn meta kienu għadhom ħajjin ħafna mill-Appostli, u għamilha Nisranija ħadd ieħor għajr il-Kbir Appostlu tal-Ġnus, San Pawl, u li hi msemmija għall-qawwa tat-Twemmin tagħha, għandna nkunu mgħarrfa sewwa fuq il-Pajjiż li fih twieled, għex u miet Sidna Ġesù Kristu. Għax il-lum, Sidna Ġesù, bħal ma kien fid-dinja tad-demm u l-laħam, jimxi, jiekol u jitkellem bħalna, m'għadux jidher. L-eqreb ħaġa li baqa' minn tiegħu huma l-Imkejjen li fihom għex u fihom għamel xi ħaġa. Dawn l-Imkejjen qegħdin f'dik l-art li hi msemmija l-Art Imqaddsa, jew kif kienet tissejjaħ sa ftit żmien ilu, il-Palestina. Hemm jinsab Betlehem, fejn twieled u fejn saritlu t-tiħira jew *ċirkonċiżjoni;* fejn tawh qima l-ewwel fost kulħadd is-Saħrin. Hemm Nazaret, fejn tnissel u trabba. Nazaret, dik l-Art Imbierka, li fiha bħala tifel ċkejken, min jaf kemm mexa fit-toroq tagħha, meta kien imur jaqdi lill-Mamma ħanina tiegħu, billi jġibilha l-ilma mill-għajn, jew imur jixtrilha, jew imur jieħu l-ikel lil San Ġużepp li kien ikun jaħdem fil-ħanut ftit bogħod middar tagħhom. Hemm ix-xmara tal-Ġurdan, fejn tgħammed, hemm il-għolja ħdejn Riħa (Ġerko) fejn sam erbgħin jum bħala tħejjija għall-ħidma tiegħu ta' Messija.

Fil-Galilija, hemm Kâna fejn biddel l-ilma f'inbid. Hemm il-belt ta' Kâfar Nahûm, il-lum ħerba, fejn mar joqgħod u fejn tħaddet l-isbaħ taħditiet tiegħu, u fejn fejjaq l-aktar morda u ġiegħel ibiddlu ħajjithom u jtubu ħafna midinbin. Hemm il-Baħar ta' Tabarija fejn mexa fuq l-ilma. Hemm il-għolja tat-Tabor fejn wera lit-tliet Appostli magħżulin is-Sebħ tiegħu. Hemm Betsajda fejn kattar il-ħobż u l-ħut. Hemm Najm, fejn qajjem mill-mewt lill-ibin l-armla.

Hemm, imbagħad fil-Lhudija, Betanja, fejn qajjem lil Lazzru u fejn rikeb fuq il-ħmara fid-daħla tiegħu ġewwa Ġerusalemm. Hemm fit-telgħa l-imkien li minnu beka lill-belt kif raha quddiemu. Hemm il-Ħakel, jew *Tempju,* li fih kien imur jgħallem u fejn kellu l-eħrex taqbidiet mal-Kittieba u l-Farisîn. Hemm il-ġnien tal-Ġetsemni fejn kien jinġabar fil-għaxija u fejn fl-aħħar lejla ta' ħajtu għereq l-għaraq tad-demm. Hemm il-Għorfa jew Ċenaklu, fuq Sijon, fejn tgħaxxa l-aħħar darba u ħalla lill-bnedmin it-Tifkira ta' l-Imħabba. Hemm id-dar tal-Qassis Kajfa, fejn għadda l-lejl marbut u l-Qorti ta' Pilatu fejn kien imsawwat u maħkum bil-mewt, ħtija tagħna. U hemm il-blata tal-Ġilġla, jew *Kalvarju,* fejn miet imsallab bejn żewġ ħallelin. U fl-aħħar hemm il-Qabar tiegħu Mqaddes, minn fejn qam rebbieħ

fuq il-mewt u hekk sar rahan tat-tama tagħna.

Kif jista' jkun li aħna, li bħala Nsara qalbna taħraqna biex inżuru dawn l-Imkejjen Imqaddsa, biex la darba ma nistgħux naraw lil Ġesù fil-ġisem, ta' l-anqas naraw l-Imkejjen fejn ħadem il-ħelsien tagħna, nibqgħu sajmin minnhom u ma nkunux nafu, ta' l-anqas, kif inhuma?

Imbagħad hemm ukoll ħaġ'oħra li m'hix ta' min iħalliha fil-ġenb. Malta, għall-ħniena t'Alla, ta' gżira żgħira li hi tgħin lir-Rħieb Franġiskani li qegħdin jieħdu ħsieb mhux biss il-Qabar Imqaddes ta' Kristu, imma wkoll l-Imkejjen kollha li għadna kemm semmejna, bil-wast, jew *permezz* ta' l-Opra tal-Qabar ta' Kristu. Kif mela m'għandniex inkunu nafu l-flus li nagħtu għall-Art Imqaddsa fhiex qegħdin jintefqu? Kif ma nkunux nafu kemm għemejjel għas-sebħ t'Alla u għall-għajnuna tal-bnedmin qegħdin jagħmlu r-Rħieb Franġiskani bil-flus li nagħtuhom aħna?

Dan it-tagħrif għalina l-Maltin fi żminijietna huwa meħtieġ aktar minn żminijiet oħra, għax fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann, konna mgħarrfin tajjeb fuq il-Palestina. Konna mgħarrfin għax billi s-safar kien bil-qajla, il-kotra tar-Rħieb li kienu jerġgħu lejn pajjiżhom fl-Ewropa mill-Palestina, kienu jgħaddu minn Malta u kienu jgħidu lin-nies kull ma raw u semgħu kemm damu jgħixu hemm. Kienu mgħarrfa wkoll mill-ilsiera, jiġifieri minn dawk il-Għarab tal-Palestina li l-kursari Maltin kienu jaqbdu mill-ibliet taxxtut ta' dik l-art u jġibuhom u jbigħuhom hawnhekk. Għax bħalma aktarx tafu, kif it-Torok (jiġifieri l-Għarab) kienu jiġu jisirqu bhejjem u nies minn Malta, hekk ukoll il-Maltin kienu jmorru għall-qabda ta' nies u bhejjem fix-xtut tal-Palestina.

Issa dan it-tagħrif mill-fomm, kollu nqata', għax il-baħar sar jinqasam b'iġfna ħfief li jaslu malajr u ma jieqfux mill-Ewropa għall-Palestina. U l-ilsiera m'għadhomx jinqabdu aktar u jinbiegħu lin-nies.

Għalhekk issa jinħtieġ li naqbdu triq oħra. Din it-triq hija li kull ftit żmien noħorġu naqra ta' ktieb, jiġifieri din ir-Rivista, biex ngħarrfu lill-Maltin li ma jistgħux imorru jaraw b'għajnejhom, x'inhuma u kif inhuma l-Imkejjen Imqaddsa, u x-xogħol jiebes, imma ta' ħtieġa u ta' fejda, li qiegħed isir hemm, għas-sebħ t'Alla u għall-ġid tal-bnedmin.

Għalhekk ma jistax ikun li din ir-Rivista ma tkunx milqugħa bil-ferħa minn kulħadd. Għax meta dak li jkun jaqraha, ikun fil-ħsieb qiegħed jimxi wara Ġesù fl-Art Imqaddsa tiegħu u jissieħeb miegħu fil-għemil it-tajjeb li jiswa biex iqalla' lill-bniedem il-ħajja ta' dejjem.

FRA ELIJA, O.F.M.

---

**Minn barra rħâm u minn ġewwa sħâm.** (Minn barra rħam u minn ġewwa ħmieġ) — Tingħad għal dawk li jagħmluha ta' nies tajba u jkunu ħżiena. Fl-Evanġelju li ġara fil-Palestina, miktub: "Intom bħal oqbra mbajda, minn barra sbieħ u minn ġewwa mimlija bil-qżież".

(*Qawl tal-Palestina*)